



Brussell, 10 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

9577/21

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0243(COD)

CODEC 848	COLAC 41
CADREFIN 283	COAFR 156
FIN 435	COASI 86
POLGEN 99	RELEX 526
ACP 56	ECOFIN 580
COEST 130	ASIM 38
MAMA 97	ATO 45
DEVGEN 119	PE 64

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mis-7 sal-10 ta' Ġunju 2021)

I. VOTAZZJONI

Fid-9 ta' Ġunju 2021, il-President tal-Parlament Ewropew iddikjara l-pożizzjoni tal-Kunsill¹ fl-ewwel qari approvata mingħajr emendi.

It-test tar-risoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew huwa anness ma' din in-nota.

¹ 6879/1/21 REV 1.

II. ADOZZJONI TA' ATTI LEĠIŻLATTIVI WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW

Peress li l-Parlament Ewropew approva l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari mingħajr emendi, l-att inkwistjoni huwa meqjus li ġie adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari, kif previst fl-Artikolu 294(7)(a) TFUE.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew, mill-President tal-Kunsill u mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet, l-att ser jiġi ppubblikat f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

P9_TA(2021)0279

Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali 2021-2027 – Ewropa Globali *II**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tad-9 ta' Ġunju 2021 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (06879/1/2021 – C9-0191/2021 – 2018/0243(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (06879/1/2021 – C9-0191/2021),
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2018¹,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tas-6 ta' Diċembru 2018²,
- wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari³ dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2018)0460),
- wara li kkunsidra l-proposta emendata tal-Kummissjoni (COM(2020)0459),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 74(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 67 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp (A9-0198/2021),

¹ ĠU C 45, 4.2.2019, p. 1.

² ĠU C 86, 7.3.2019, p. 295.

³ ĠU C 108, 26.3.2021, p. 312.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;
2. Japprova d-dikjarazzjonijiet tiegħu annessi ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
3. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
4. Jinnota li l-att qed jiġi adottat b'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;
5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiffirma l-att mal-President tal-Kunsill, skont l-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
6. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif xieraq u, bi ftehim mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, flimkien mad-dikjarazzjonijiet kollha meħmużin ma' din ir-riżoluzzjoni;
7. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNES GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar is-sospensjoni tal-assistenza mogħtija fl-ambitu tal-istrumenti finanzjarji esterni

Il-Parlament Ewropew jinnota li r-Regolament (UE) 2021/... li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali fih referenza ġenerali dwar il-possibbiltà li l-assistenza tiġi sospiża mingħajr ma tiġi speċifikata l-bażi konkreta għal tali deċiżjoni. Tali sospensjoni ta' assistenza għandha tiġi implimentata fejn pajjiż sieħeb jonqos b'mod persistenti milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt jew il-governanza tajba, jew ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali jew għal standards ta' sikurezza nukleari rikonoxxuti fuq livell internazzjonali.

Madankollu, il-Parlament Ewropew jinnota li, għall-kuntrarju ta' oqsma ġeografiċi oħra ta' kooperazzjoni, dispożizzjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-Viċinat, b'mod partikolari l-Artikolu 20(2), jipprevedu appoġġ akbar għas-soċjetà ċivili, il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-bini tal-paċi, il-kuntatti bejn il-persuni, inkluża l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali, appoġġ għat-titjib tad-drittijiet tal-bniedem jew miżuri ta' appoġġ relatati mal-kriżi, fil-każ ta' degradazzjoni serja jew persistenti tad-demokrazija, tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-istat tad-dritt, jew riskju akbar ta' kunflitt. Il-Parlament Ewropew iqis li tali appoġġ akbar għall-oqsma msemmija hawn fuq għandu jiġi pprovdut jekk tali degradazzjoni sseħħ ukoll f'pajjiżi barra miż-żona tal-Viċinat, u jfakkar li b'mod partikolari l-Artikolu 4(5) jipprevedi li l-azzjonijiet implimentati permezz ta' programmi tematiċi jistgħu jitwettqu wkoll fejn il-programm ġeografiku jkun ġie sospiż.

Il-Parlament Ewropew iqis li kull sospensjoni ta' assistenza fl-ambitu ta' dawn l-istrumenti timmodifika l-iskema finanzjarja ġenerali miftiehma fl-ambitu tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Bħala koleġiżlatur u fergħa tal-awtorità baġitarja, il-Parlament Ewropew huwa għalhekk intitolat li jeżerċita bis-sħiħ il-prerogattivi tiegħu f'dak ir-rigward, jekk ikollha tittieħed deċiżjoni bħal din.

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE u koordinazzjoni strateġika

Il-Parlament Ewropew jinnota li r-referenzi għall-istrumenti ta' azzjoni esterna tal-Unjoni fl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE ma għadhomx validi, u għalhekk iqis li, għal raġunijiet ta' ċarezza tad-dritt, dan l-Artikolu għandu jiġi aġġornat, f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 27(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, sabiex jitqiesu l-istrumenti ta' assistenza esterna tal-Unjoni applikabbli fil-perjodu tal-QFP tal-2021-2027, jiġifieri l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, l-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari u d-Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Ekstra-Ewropea, inkluża Greenland.

Il-Parlament Ewropew jistieden lill-Kummissjoni u lis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) jistabbilixxu struttura ta' koordinazzjoni strateġika magħmula mis-servizzi rilevanti kollha tal-Kummissjoni u mis-SEAE sabiex jiġu żgurati l-koerenza, is-sinerġija, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2021/... li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali - Ewropa Globali.

Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar djalogu ġeopolitiku mal-Parlament Ewropew rigward l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali

Il-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tqis il-funzjonijiet ta' kontroll politiku tal-Parlament Ewropew stabbiliti fl-Artikolu 14 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, timpenja ruħha li twettaq djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli bejn iż-żewġ istituzzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali. Dan id-djalogu għandu jippermetti skambji mal-Parlament Ewropew, li l-pożizzjonijiet tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-NDICI se jitqiesu kompletament.

Id-djalogu ġeopolitiku se jiddiskuti orjentazzjonijiet ġenerali dwar l-implimentazzjoni tal-NDICI, inkluż dwar l-ipprogrammar qabel l-adozzjoni tad-dokumenti ta' programmazzjoni, u rigward suġġetti speċifiċi bħall-użu tar-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti jew l-applikazzjoni ta' ingranaġġ li jwasslu għal modifiki possibbli fl-allokazzjoni tal-finanzjament iddedikat għall-migrazzjoni jew is-sospensjoni tal-assistenza lil pajjiż sieħeb meta dan jonqos b'mod persistenti milli josserva l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali.

Id-djalogu ġeopolitiku se jkun strutturat kif ġej:

- (i) Djalogu ta' livell għoli bejn ir-Rappreżentant Għoli/Viċi President u l-Kummissarji responsabbli għas-Sħubijiet Internazzjonali u għall-Viċinat u t-Tkabbir u għall-Parlament Ewropew.
- (ii) Djalogu permanenti fil-livell ta' uffiċjali għolja mal-gruppi ta' ħidma tal-Kumitat AFET u l-Kumitat DEVE biex jiġu ggarantiti tħejji u segwitu adegwati għad-djalogu ta' livell għoli.

Id-djalogu ta' livell għoli se jsir mill-inqas darbtejn fis-sena. Waħda mil-laqgħat tista' tikkoinċidi mal-preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-abbozz ta' baġit annwali.

Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Premessi 50 u 51 u l-Artikolu 8(10)

Programmi ta' sostenn għall-migrazzjoni reġjonali se jappoġġjaw sħubiji komprensivi, ibbilanċjati u mfassla apposta ma' pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu rilevanti u pajjiżi ospitanti, li jsegwu approċċ persważiv flessibbli, u appoġġjati mill-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali. Fejn xieraq se jiġu supplimentati minn azzjonijiet fil-qafas tal-programmi nazzjonali.

Sabiex jiġi ggarantit l-użu l-aktar effiċjenti u effikaċi ta' dawn il-fondi, f'konformità mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni u tal-pajjiżi sħab, il-Kummissjoni Ewropea se timplimenta b'mod attiv dawn il-prijoritajiet billi tuża l-istrumenti rilevanti kollha tal-Unjoni u se tipparteċipa fil-koordinazzjoni mal-Istati Membri b'mod sinkronizzat u effiċjenti. Se tiżgura li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informati mill-qrib u regolarment, sabiex ikunu jistgħu jsiru skambji ta' fehmiet.